# ***TAGHRIF STORIKU DWAR IL-KOLLEGGJATA BAZILIKA TA SANT'ELENA TA' BIRKIRKARA***

Il-Parrocca ta' Birkirkara kienet diga tiffunzjona fl-1402 mill-kappella ta' Santa Liena fil-limiti ta' l-Gharghar. Fl-1436, l-Isqof Mons Duzina rrikonoxxiha bhala wahda mill-ghaxar Parrocci ta' Malta.

It-tempju Elenjan ta' llum, mibni f'post aktar centrali ta' Birkirkara u akbar fid-daqs minn ta' qablu, hu r-raba' knisja parrokkjali li beda jinbena fl-1727, meta fis-27 t'April 1727, l-Isqof Gaspare Gori Mancini pogga l-ewwel gebla tal-maqdes. Meta wasal f'fazi li fih setghu isiru l-funzjonijiet sagri fid-19 t'April ta' l-istess sena, l-Isqof Alferan bierek il-maqdes. Kien fl-20 t'Ottubru 1782, meta (ukoll kienet tlestiet il-koppla) l-Isqof Fra Vincenzo Labini ikkonsagra b'rit solenni ttempju Elenjan taht it-titlu ta' l-Imperatrici Sant'Elena.

Fil-5 ta' Dicembru 1630, il-Papa Urbanu VIII waqqaf il-Kollegjata Elenjana
permezz ta' Bolla Papali bl-isem "Sacri Apostolatus Ministerio". Dan kien fi zmien il-Kappillan habrieki Dun Filippu Borgia (1567-1649).

Fit-18 ta' Jannar 1950, il-Papa Piju XII gholla dan it-tempju li fih jilqa' l-Kolleggjata Elenjana, ghall-unur ta' Bazilka Minuri bl-unuri kollha.